# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 60**

**Rikors numru 25/2010/2 MH**

**Paul Licari**

**v.**

**Malta Industrial Park Limited illum INDIS Malta Limited (C 28965)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Paul Licari ppreżentat minnu fit-12 ta' Jannar, 2010, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi l-esponent huwa il-proprjetarju ta' l-effetti kif indikati fl-annessa ittra Dok A;
>
> 2. Illi l-effetti indikati fl-imsemmija ittra kienu fil-fkond li kien mikri lilu u cioe` 192A, Zona Industrijali, Luqa;
>
> 3. Illi inqalghet vertenza bejn l-esponent u is-socjeta` Malta Development Corporation li is-successuri taghha hija is-socjeta`

konvenuta b'mod li gew inizzjati proceduri fl-ismijiet *Malta Development Corporation vs Paul Licari Cit nru 489/08 RCP* liema kawza hi ormai deciza u l-attur halls dak kollu dovut skond l-imsemmija sentenza;

4. Illi minhabba il-litigazzjoni imsemmija l-MDC kienu ottjenew il-hrug ta' mandat ta'qbid fil-konfront ta' l-attur permezz ta' liema gew elevati l-effetti kif indikati fl-anness prospett anness u mmarkat Dok A;

5. Illi wara li giet konkluza l-kawza fl-ismijiet indikati, l-esponenti interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex tirritorna l-effetti indikati izda inutilment;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirritorna l-effetti indikati fil-prospett imsemmi u jew occorendo li is-socjeta` konvenut tonqos milli taghmel dan minnha ordnat fit-terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, thallas is-somma ekwivalenti l-valur ta' l-istess effetti u dana occorendo jekk ikun hemm il-htiega bl-opera ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez u bl-imghax u s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` Malta Industrial Parks Limited tas-16 ta' Frar, 2010, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Preliminarjament, in-nullita tar-rikors guramentat stante li dan ma giex precedut minn att gudizzjarju skond il-provvedimenti ta' l-Art. 460 tal-Kap. 12, rez applikabbli fil-konfront tas-socjeta` esponenti bis-sahha tal-Art. 2 tal-Kap. 169;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita` tar-rikors guramentat stante li mhuwiex car x'azzjoni qieghed jipproponi l-attur fil-konfront tas-socjeta` konvenuta;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati stante li kuntrarjament ghal dak li qed jippremetti l-attur, ma gew elevati l-ebda oggetti mill-poter tal-attur in virtu ta' mandat ta' qbid;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kemm-il darba t-talbiet attrici jirreferu ghat-twettiq ta' ghemil amministrattiv, l-azzjoni attrici hi preskritta *ai termini* tal-Art. 469A(3) tal-Kap. 12;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova li huwa proprjetarju tal-oggetti elenkati fil-lista;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, jigi dikjarat dan li gej:

1. Illi s-socjeta` esponenti llum tagixxi minflok il-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta (MDC);

2. Illi l-attur kien jokkupa fond fil-Qasam Industrijali ta' Hal Luqa u peress li kien hemm diversi mankanzi da parti tieghu, kienet ittiehdet azzjoni ghar-ripreza tal-fond kif ukoll saret kawza ghall-kanonizazzjoni ta' kumpens ghall-okkupazzjoni;

3. Illi in kawtela tal-pretensjonijiet taghha l-MDC kienet ottjeniet l-ispedizzjoni ta' mandat kawtelatorji, inkluz Mandat ta' Qbid numru 891/98 (Dok. A.). Madankollu ma gie elevat xejn mill-poter tal-attur;

4. Illi l-kawza li kienet saret dwar il-kumpens ghall-okkupazzjoni ilum giet deciza u mhemm xejn pendent dwarha. Inoltre, l-MDC kienet irriprendiet il-pussess tal-fond f'Lulju 1998."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Lulju, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li ċaħdet l-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, laqgħet it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi. B'dan illi kull parti għandha ġġorr l-ispejjeż minnha nkorsi.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi fl-ewwel lok qabel ma din il-Qorti tghaddi biex taghmel ri-assunt tal-provi lilha mressqa biex fl-isfond taghhom jigu ezaminati t-talbiet proposti anke fid-dawl tal-eccezzjonijiet avanzati ghandu jinghad illi b'digriet taghha diversament preseduta[1] ntlaqghet talba ghal-korrezzjoni tar-rikors guramentat promotur fis-sens illi kull fejn kien hemm miktub il-frasi *"ottjenew il-hrug ta' mandat ta' qbid"* kellu jigi sostitwit u jaqra bil-kliem *"ottjenew il-hrug ta' ordni ta' zgumbrament"[2].*

<u>Xhieda u prova dokumentarja.</u>
Fl-affidavit tieghu **l-attur Paul Licari**[3] jghid illi hu kien gie allokat fond minghand il-Malta Development Corporation, illum is-socjeta' konvenuta. Sjpega li kien ihallas il-kera annwali ta' erba' mija disgha u tmenin liri maltin, Lm489. Spjega ukoll illi l-istess korporazzjoni kienet harget *eviction order* kontrih datat 25 ta' Frar, **li bis-sahha ta' dan gie moghti t-terminu ta' erba' t'ijiem sabiex johrog mill-fond allokat. Jghid li l-eviction order giet notifikata lilu nhar il-21 ta' Mejju, 1998[4].**

Zied li in vista ta' dina l-ordni hu flimkien mal-konsulent legali tieghu kienu tkellmu u ltaqghu ma rappresentanti tal-korporazzjoni fejn skontu nghatat l-impressjoni li kien se jintlahaq kompromess. Dwar dan ighid *li ".. saru laqghat ohra … dawn id-diskussjonijiet damu itulu, inghatajna l-impressjoni li konna se nalu f'xi arrangement izda qatt ma hrigna b'soluzzjoni"[5].* Jghid ukoll li kien wahda minn dawn il-laqghat li kien gie infurmat illi l-*eviction order* kienet giet esegwita. Hawn hu kien talab lista ta' l-oggetti li kienu gew mehuda mill-fond industrijali lilu precedentement mikri li baqghet ma nghatetx lilu.

**Spjega li l-ordni kienet giet infurzata fid-9 ta' Lulju, 1998[6].**

Jigi notat illi ghalkemm l-attur jaghmel referenza ghal lista esebita ma l-affidavit tieghu dina fil-fatt ma giet esebita qatt**.** Jirreferi ukoll ghal lista gia minnu esbita mar-rikors guramentat dok A[7]. Jispjega illi fil-konfront ta' l-oggetti li jidhru taht in-numru 2, cioe il-*boiler burner* dan gie misruq, u allura ma kienx formanti parti mill-pretensjoni minnu mressqa, l-istess kien jghodd ghal oggetti elenkati taht il-paragrafu 7. In kontro ezami[8] insista illi meta gie ezegwit il-mandat ta' zgumbrament hu kien ghaddej b'tahdidiet ma MDC bi hsieb li jinghata post alternattiv u li l-istess mandat gie ezegwit minn wara dahru, ukoll li qatt ma nghata hjiel ta' dan. Ghalhekk ma kienx presenti ghall-istess. Zied wara li gie muri fis-seduta l-file ta' MDC li ebda oggett hemm elenkat ma kien tieghu. Ma kienx jaf li xi hadd mill-public works kien fil-fatt ha xi oggetti tieghu.

[11] Fol 66
[2] Rikors a fol 21
[3] Fol 73 dok JH1
[4] Enfasi ta' din il-Qorti
[5] Fol 73
[6] Enfasi tal-Qorti.
[7] Fol 4
[8] Fol 85

Dwar ix-xoghol li kien qed isir fil-fond minnu zgumbrat jghid li hawn kien beda jaghmel il-kolla tant li anke beda jizvillupa makinarju ghal dan l-iskop.

Fl-affidavit tieghu **Victor Licari**[9] qal li hu kien jaghti daqqa t'id lil huh Paul fil-post tax-xoghol tieghu ghalhekk kien familjari mall-kontenut tal-fabbrika. Elenka bhala tali ;

- Zewg tankijiet maghmula minn stainless steel
- Morsa
- Il-mejda li fuqha kienu jaghmlu x-xoghol
- Magna li biha kien jahdem t-tape
- Boiler
- Mizien
- Ghodda inkluz izda mhux limitatament bhal spanners, boltijiet, imrietel
- Xkejjer bojod tal-kolla
- Containers tal-plastic
- Trolley tat-tank
- Zewg tankijiet tal-pitrolju
- Table cooker
- High temperature bricks
- Heat treatment equipment

Dan gie konfermat min huh **Vincent Licari**[10]**.** Aktar tard dan l-istess gie msejjah bhala xhud ghal konvenuti[11]. Ikkonferma illi hu rari kien imur il-fabbrika ta' huh pero li kien jaf illi fil-fabbrika kellu affarijiet li kien jahdem bihom fil-produzzjoni ta' tape u kolla.

In kontro ezami[12] xehed illi hu kien jahdem ma huh Paul jghin fil-fabbrika fuq il-*line of production* jaghmlu l-*packaging tape*, li kien jiftakar li l-makkinarju li kien hemm f'dan il-fond kien f'kundizjoni tajba hafna u li sakemm dahal l-ahhar darba fis-sit dana kien ghadu fil-fabbrika. Zied illi l-makkinarju kien mahdum gewwa fabbrika li kellhom hutu u li ghalhekk ma kienx jaf il-valur tieghu. Ikkonferma li kien hu u hutu li gewwa l-fabbrika taghhom ta' Rahal Gdid li hadmu hafna mill-magni li bihom kiem jahdem huhom Paul, u li ta' dawn ma kienux zammew flus. Ikkonferma li kien jiftakar li kienu hadmu tankijiet ta' l-istainless steel kif ukoll boiler. Mistoqsi min kien jixtri l-*materja prima* biex jinhadmu dawn l-ingenji, wiegeb li ma kienx jaf. Ikkonferma ukoll li darba li l-fabbrika ittiehdet minghand huh dana ma kienx baqa jahdem xoghol ta' kolla u tape.

---

[9] Fol 75 dok JH2
[10] Dok JH3 Fol 77
[11] Fol 88
[12] Fol 93

Da parti tieghu hu l-attur **Joseph Licari** ukoll irrediga affidavit[13]. Dana ukoll ikkonferma dak li qal huh l-attur fl-affidavit tieghu. Jghid li hu da parti tieghu kien ghamel xoghol ta' makkinarju ghal fabbrika ta' huh konsistenti f'boiler ta' l-isteam, tankijiet tal-fuel, burner, tank tal-condensation bil-pompa [high pressure pump] mieghu, magna tat-tape, zewg tankijiet ta' l-istainless steel li fihom kienet tithallat il-kolla, tank zghir ghal mixing, ghodda, bearings u gantry.

Xehed illi gewwa l-fabbrika kien hemm ukoll xkejjer u high temperature blocks, heat treatment furnace, tank trolleys, mejda ta' l-injam u xkaffef. Qal li hu kien ikun ta' spiss il-fabbrika ta' huh l-attur. Ingab jixhed in kontro ezami[14] xehed li l-kundizzjoni ta' l-oggetti minnu msemmija fl-affidavit kienet wahda tajba hafna. Ikkonferma li huh l-attur kien jipproduci *packaging tape*. Jghid li l-magna[15] ma kienetx wahda zghira, kellha romblu tal-lastiku pero ma setax jghid kemm kienet tiswa ghax dina kienet giet manifatturata fil-fabbrika tieghu u ta' hutu l-Alpha Engineering. Qal ukoll li kull ma kien imsemmi minnu fl-affidavit tieghu kien relatat mal-produzzjoni tal-*packaging tape.*

Ikkonferma illi l-boiler tal-isteam, it-tankijiet tal-fuel, it-tank tal-condensation bil-pompa, il-magna tat-tape, iz-zewg tankijiet ta' l-istainless steel, it-tank iz-zghir tal-mixing, u l-gantry kienu saru kollha minnhom, cioe mill-ahwa b'*materja prima,* gdid fjamant. Qal li ma kellux ideja dawn kemm kienu jiswew fuq is-suq biex jinxtraw. Zied illi hu stess kien hadem t-tank trolley. Qal li huh Paul kien lawrejat fl-inginerija.

**John Darmanin** fl-affidavit minnu rilaxxat[16] qal li stante li hu kien sieheb ta' Paul Licari fis-socjeta' Polychemie Mediterranean Limited li kienet tipproduci l-kolla, hu kien ghalhekk ikun kuljum fuq il-post tax-xoghol gewwa l-hut 192 A Industrial Estate Luqa.
Ikkonferma il-kontenut kollu tal-lista annesssa mar-rikors guramentat[17], ghajr ghal sheet metal sign, packing tape machine, heat treatment equipment, high temperature bricks, bearings u plate heater.

Bhala xhud tas-socjeta' konvenuta[18] zid li hu kien partner ma Paul u li fil-post kienu jaghmlu xoghol ta' produzzjoni ta' tape u kolla. Jiftakar li fil-fabbrika kien hemm mixer u boiler, dozing equipment, handling equipment. Jghid li l-bicca l-kbira ta' l-oggetti imsemmija kienu gew manifatturati minn hut Licari gewwa l-inginerija tal-familja. Ikkonferma li kienet il-familja Licari li kienu ghamlu l-makkinarju biex jibdew bil-produzzjoni tat-tape. Qal li hu halla din il-partnership fis-sena 1980

[13] Dok JH4 fol 78.
[14] Fol 83
[15] Presumibilment li kienet tipproduci t-tape, minnu imsemmija fl-affidavit tieghu.
[16] Fol 79 dok JH5
[17] Dok A fol 4
[18] Folio 95

pero kien baqa hbieb ma Paul Licari pero ma baqax jiffrekwenta il-fond *de quo*.

Bhala prova dokumentarja l-attur ippresenta il-lista **Dok A** mar-rikors guramentat, ukoll **Dok PL1**[19] li hija kopja tal-**Compulsory Eviction Order** ai termini tal-ligi hemm indikata, ukoll **Dok PL 2**[20] **affidavit ta' Ray von Brockdorff** gia presentat fl-atti tal-kawza **89/1998NC fl-ismijiet Malta Developeme Corporation vs Paul Licari**[21]. Esebixxa ukoll kopja informali tas-sentenza **106/2008** fl-ismijiet **C.E.B.Limited vs Malta Industrial Parks Limited** datata 12 ta' Ottubru, 2009[22]. Ukoll il Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija konvenuta[23] u estratt mis-sit elettroniku ta' l-istess socjeta mis-sitt ta' M.F.S.A.[24]
Wara digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta[25] l-attur presenta wkoll lista ta' l-oggetti minnu reklamati mis-socjeta' konvenuta u l-valur taghhom, lista li gia kien ghamel referenza ghaliha fl-affidavit tieghu[26].

Is-socjeta' konvenuta apparti ghax-xhieda li ressqet in kontro ezami u xhieda ta' l-istess attur li ressqet bhala xhieda taghha kif surriferit, gabet bhala xhud lil **Herbert Caruana**[27]. Jixhed dan li huwa bhala *manager* mas-socjeta' konvenuta jghid li lanqas jiftakar biss il-post li kien gie zgumbrat ahseb u ara il-kaz *per se* minhabba t-trapass taz-zmien. Zied li hu u l-kollegi tieghu kienu mitlubin jaghmlu inventarju ta' l-affarijiet li kienu jinstabu fil-fabbrika. **Dana sar fid-9 ta' Lulju, 1998, (allura l-gurnata ta' l-ezekuzzjoni ta' l-ordni)**. Jghid ukoll li meta wasslu fuq il-post dan gia kien miftuh. Presenta ukoll lista ta' oggetti li ttiehdu mis-socjeta' Harrison and Co. Ltd dak il-hin taht il-firma ta' certa Stephanie Avellino ghal istess socjeta'[28] dana fuq insistenza tal-konsulent legali tas-socjeta' konvenuta[29]. Presenta ukoll lista ta' oggetti li tnehhew u ttiehdu mill- impjegati tal-Public Works[30]. Dawn z-zewg listi annessi mad-dokument HC1 jghatu stampa fil-qosor ta' dak li okkorra waqt li kien qed isir l-inventarju imsemmi[31].

Jghid l-istess xhud li darba li dahlu fil-fond in kwistjoni gia kien hemm rappresentanti tas-socjeta' imsemmija Harrison & Co. li hadu xi affarijiet li qalu li kienu taghhom. Ikkonferma li kif jidher mid-dokumenti gia imsemmija illi ir-rimanenti oggetti gew mehuda mill-Public Works

---

19 Fol 22
20 Fol 23
21 Dan l-istess xhud qat ma ngab jikkonferma l-istess bil-gurament. Lanqas ma gie esebit ebda document ma l-istess kopja ta' l-affidavit kif indikat fin-nota a fol 23 Dok PL2
22 Fol 26
23 Fol 31
24 FOL 55-60
25 Tat-2 ta' Marzu, 2012 fol 101
26 Fol 99-100
27 Fol 87.
28 Fol 91
29 Vide dok HC1 fol 89
30 Fol 90
31 Fol 89.

biex fi kliemu *“ iqeghduhom x’imkien”.*[32] Pero ma kienx jaf fejn kien se isir dan.

Da parti tieghu **Ronald Galea[33]** ikkonferma il-kontenut ta’ dok HC1. Ikkonferma li l-premises in kwistjoni instabu miftuhin.

Bhala provi dokumentarji l-konvenut ghalhekk ippresenta Dok A, kopja legali tal-mandat ta’ qbid 831/98NS[34] u Dok HC1 (l-inventarju ta’ l-oggetti mnehhija mill-fond zgumbrat[35]) .

Rat ukoll in-nota konguntiva tal-partijiet fejn gie minnhom dikjarat li ghal fini ta’ taxxa, il-valur ghal fini ta’ likwidazzjoni huwa ta’ € 41,956.98[36].

Maghluqa l-provi l-partijiet ghadddew biex jippresentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom[37]. Ghalkemm tali noti kienu intizi biex ikopru l-ewwel eccezzzjoni, tant kienu ezawrijenti li fil-fatt wara s-sentenza ta’ l-Appell dwar l-istess eccezzjoni[38], talbu lil din il-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm u a bazi ta’ dak minnhom gia espost fin-noti taghhom[39].

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel eccezzjoni** mressqa mis-socjeta’ konvenuta tirrigwarda l-applikabilta’ ta’ l-artikolu 460 tal-Kap 12 fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Illi din l-eccezzjoni gia giet trattata mill-Qorti ta’ l-Appell wara sentenza preliminari ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta. Senjatament intqal;

> *“Is-soċjeta` konvenuta, hu veru, qegħdha taqdi funzjonijiet pubbliċi, in kwantu xogħolha hu li tamministra ż-żoni industrijali proprjeta` tal-gvern, u tista’ wkoll tikkwalifika bħala “awtorita` pubblika” għall-fini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Jibqa’ l-fatt, pero`, li l-Artikolu 460 ma jużax il-frażi “awtorita` pubblika” u ma jirrizultax li l-applikazzjoni ta’ dan il-privileġġ ġie estiż espressament għas-soċjeta` konvenuta.*
>
> *Kwindi, l-aggravju prinċipali qed jiġi milqugħ u qed jiġi dikjarat li l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 ma japplikax għas-soċjeta` konvenuta."*

**Konsegwentement ghalhekk l-ewwel eccezzjoni mressqa giet michuda.**

[32] Fol 82
[33] Fol 83
[34] Fol 10,
[35] Fol 84
[36] Fol 142
[37] Fol 102 u 122
[38] Datata 25/11/2016
[39] Fol 143 u fol

**It-tieni eccezzjoni** mressqa hija dwar in-nulltia' tar-rikors guramentat in kwantu l-azzjoni attrici mhux wahda cara. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici[40] din l-eccezzjoni giet indirizzata billi inghad li l-istess eccezzjoni setghet tigi ezaminata flimkien mat-tielet, raba' u hames eccezzjonijiet. Din hija l-istess linja difenzjonali adottatata fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta[41].

Ma dana kollu hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-fatt ghandha titratta mat-tieni u r-raba' eccezzjoni f'daqqa in kwantu dawna jolqtu direttament in-natura ta' l-azzjoni attrici. Pero qabel dan facilment wiehed jista jiddisponi mit-**tielet eccezzjoni** li tressaq id-difiza li qatt ma gew elevati ebda oggett mill-poter ta' l-attur in virtu' ta' mandat ta' qbid. In vista tal-korrezzjoni awtorizzata minn din il-Qorti kif diversament preseduta fir-rikors promotur u s-sostituzzjoni tal-kliem referenti ghal dan l-att ezekuttiv b'dak ta' mandat ta' zgumbrament, liema korrezzjoni giet awtorizzata ai terminu ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, **hu meqjus li din l-eccezzjoni kienet gusta fit-terminu li nghatat u qeghda tigi milqugha**. B'dan li jibqa inpregudikat kull azzjoni lis-socjeta' konvenuta jista jkollha fir-rigward tad-digriet imsemmi.

<u>**It-tieni u r-raba' eccezzjoni**</u>

Illi kif ben tajjeb dejjem inghad l-azzjoni promossa mill-attur hija desumibbli kemm mill-istess att promotur, illum ir-rikors guramentat, kif ukoll mill-andament ta' l-azzjoni innfisha tul il-proceduri. Mill-qari tar-rikors guramentat wara li dan gie korrett[42] jidher li l-ilment primarju ta' l-attur mhux daqstant il-fatt li gie mahrug fil-konfront tieghu mandat ta' zgumbrament daqs kemm u aktar talli minn tali ezekuzzjoni li saret **ad insaputa tieghu**[43] huwa spicca svestit minn hwejjgu, kif jidhru fuq il-lista Dok A minnu presentata, u qieghed jinterpella r-ritorn taghhom jew li jigi mhallas somma ekwivalenti ghal valur taghhom. Gia mill-qari tar-rikors promotur il-Qorti tqies li hawn mhux qed jigi attakkat il-hrug ta' evizzjoni innifsha imma l-effett taghha in kwantu b'dak li okkorra svesta lil attur mill-patrimonju tieghu. Ta' rilevanza ukoll illi l-attur innifsu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu indika f'dan l-istadju tardiv li l-azzjoni minnu proposta cioe li qieghed jitlob *"ir-ritorn tal-oggetti li kienu jinsabu fil-fond propjeta' tas-socjeta' konvenuta,"* [44]. Fil-fatt l-attur jibbaza t-talba tieghu fuq dik ta' danni kkagunati u jqies lis-socjeta' konvenuta bhala depositarja ta' l-oggetti mnehhija mill-fond zgumbrat.

Ikkunsidrat ulterjorment:

[40] Fol 102
[41] Fol 122
[42] Ghalkemm din il-korezzjoni mhux riflessa fl-atti innifishom.
[43] Enfasi ta' din il-Qorti
[44] Fol 110

Ili l-attur innifsu jilmenta li l-*eviction order* mahruga kontrih giet esegwita ad insaputa tieghu waqt trattazzjonijiet li kienu ghaddejjin mas-socjeta' konvenuta. Jammetti li kien ben notifikat b'dina l-ordni ta' evizzjoni u li anke kellu it-terminu ta' erba' t'ijiem biex jevakwa l-istess sit mill-effetti mobbli appartenenti lilu. **Minn imkien kemm mir-rikors guramentat u anqas mill-provi mressqa ma hemm hjiel li l-attur qieghed b'xi mod jikkontesta l-legalita' ta' tali ordni mahruga kontrih. Tant iehor ma jilmentax fuq xi irregolarita' jew abbuz ta' poter li seta' sar fil-konfront tieghu sa fejn jirrigwarda l-hrug ta' l-ordni msemmija**.

Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell surriferita li ddecidiet dwar l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-artikolu 460 tal-Kap 12 taghmel referenza ghal decizjoni ohra fl-ismijiet **Is-socjeta' Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, deciza fl-20 ta' Frar, 2013[45]. Din ta' l-ahhar taghti stampa cara ta' dak li hu ghemil amministrattiv sugget ghal stharrig gudizzjarju. Senjatament dan il-gudizzju jqies l-applikazzjoni ta' l-artikolu 469A ghas-socjeta konvenuta odjerna. Hawn ukoll si tratta ta' Ordni ta' Zgumbrament ezegwita, pero gia mill-qari tal-premessi fic-citazzjoni huwa car li hawn si tratta ta' stharrig gudizzjarju *par exellance*, tant li l-pern tal-kawza huwa propju attakk ta' l-ghemil amministrattiv tas-socjeta' konvenuta.

F'dan ir-rigward senjatament inghad hekk f'din id-decizjoni;

> *"Illi l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti s-setgħa lil din il-Qorti li tistħarreġ is-siwi ta' għamil amministrativ jew li ssib li għamil bħal dak ma jkunx jiswa, jkun null jew bla effett, kull meta l-imsemmi għamil jew (a) ikun jikser il-Kostituzzjoni, jew billi (b) jkun ultra vires, billi jew (i) jitwettaq minn awtorita' li ma jkollhiex is-setgħa li twettaq għamil bħal dak, jew (ii) meta l-awtorita', minkejja li kellha s-setgħa, tonqos li twettaqha billi tħares il-prinċipji tal-ħaqq naturali jew ħtiġiet mandatorji fit-twettiq tad-deċiżjoni jew fid-deliberazzjonijiet magħmula qabel dak it-teħid, jew (iii) jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa billi jsir għal għanijiet mhux xierqa jew taħt konsiderazzjonijiet irrilevanti, jew (iv) meta l-għamil imur mod ieħor kontra l-liġi. Ma hemm l-ebda dubju li l-Ordni ta' Żgumbrament maħruġ kontra ECP huwa għamil amministrativ li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, u kif ingħad fis-sentenza preliminari u għar-raġunijiet hemm imsemmija, MIP għandha titqies bħala l-awtorita' pubblika li waslet għat-teħid tad-deċiżjoni u għat-talba biex jinħareġ l-Ordni tal-Iżgumbrament. Mill-mod kif inhi mfassla l-azzjoni attriċi, mbagħad, u mis-sottomissjonijiet imressqin minnha f'għeluq il-kawża, jidher li ECP tibni l-każ tagħha kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u kif ukoll dawk tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii);*
>
> *Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li MIP kellha s-setgħa mil-liġi li tamministra l-bini li minnu talbet li ECP toħroġ fl-Ordni kontestat minn din.*

---

[45] Citaz. Nru. 1006/2006 JRM

*Minħabba li l-Ordni nħareġ ukoll bis-saħħa ta' liġi, lanqas ma hemm dubju dwar il-"legalita'" tal-Ordni. Dak li l-Qorti trid tqis huwa l-mod kif l-Ordni nħareġ u jekk seħħitx xi ħaġa li biha ttwettiq ta' dak l-Ordni jew mar lil hinn mis-setgħat mogħtija jew ma sarx sewwa. Kif ingħad drabi oħra, taħt it-tifsira ta' twettiq ta' setgħat b'mod "ultra vires", taqa' wkoll it-twettiq ta' setgħat b'mod ħażin, b'mod partikolari bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali;*

*Illi meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għamil amministrativ trid tara li dak l-għamil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għamil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorita' li tkun tingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi, u (ċ)* ***li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali;***[46]

*Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għamil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorita' pubblika tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju. Iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita' u wisq anqas tgħaddi biex hija stess tieħu deċiżjoni li, bil-liġi, tkun tmiss lil dik l-awtorita' mogħnija bis-setgħa meħtieġa. U għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", l-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għamil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita' li tkun wettqet l-istess ghamil;"*

Premess dana l-Qorti tislet li l-vera ilment tar-rikorrenti/ attur huwa l-fatt illi waqt li hu kien fi trattattivi mas-socjeta' konvenuta, bil-hsieb li se jinstab fi kliemu arrangament[47], gia konsapevoli li kellu mdendla fuq rasu l-*Compulsory eviction order,* dina l-ordni giet esegwita minghajr il-konoxxenza tieghu. Tant li jixhed u f'ebda punt ma gie kontradett, illi huwa sar jaf b'din l-ezekuzzjoni f'wahda minn dawn il-laqghat. Jghid ukoll li talab ghal lista ta' l-oggetti mnehhija u mehuda mill-fond, u f'dan ukoll mhux kontradett, u li dina ma gietx moghtija lilu. Daqstant iehor mhux kontradett li hu ma kienx jaf li xi effetti mnehhija waqt l-ezekuzzjoni ta' l-evizzjoni gew mehuda mill-Public Works. Il-konsegwenza ta' dan kien ukoll li s-sit gie evakwat mill-effetti mobbli appartenenti lill-attur li anke thallew jittiehdu minn socjeta' estranea ghal dawk il-proceduri. Fuq l-istess binarju jistona l-fatt illi l-istess ufficcjal inkarigat mis-socjeta' konvenuta biex jirredigi l-inventarju waqt l-evizzjoni, Herbert Caruana, xehed li meta wasal hu fuq il-post il-fabbrika kienet gia miftuha u gewwa sab rappresentanti tas-socjeta' Harrison & Co. Ltd.

Illi ghalhekk u ghalkemm verament ir-rikors seta kien aktar car u aktar felici bil-mod kif gie redatt pero ma tqies li ma hemm ebda nullita' kif

---

[46] Enfasi ta' din il-Qorti.
[47] Affidavit tieghu.

gie eccepiet ghax jidher li huwa il-mod kif giet ezegwita l-ordni ta' evizzjoni li hija in kontestazzjoni bid-danni konsegwenti. Kif jirrizulta mid-decizjoni appena riferuta **Euro Chemie Products vs M.I.P** anke t-twettiq ta' ordni ta' zgumbrament jaqa taht il-kappa ta' stharrig gudizzjarju. **Konsegwentement tichad it-tieni eccezzjoni**.

**Ir-raba ecezzjoni hija li l-azzjoni hija preskritta ai terminu ta' l-artikolu 496A(3) tal-Kap 12.**

**Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta taccetta u tghid illi "..*aktar minn preskrizzjoni, l-Art. 469A(3) tal-Kap 12 jipprovdi espressament ghal terminu ta' dekadenza.*"[48]**

Din l-istess eccezzjoni nghatat fil-kawza fl-ismijiet **H.P.Cole Limited vs Malta Industrial Parks**[49]:

*"Gialadarba l-konvenuta hadet post tal-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta bhala l-awtorita kompetenti, il-qorti tifhem li b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Kap. 169, ghall-konvenuta japplika l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Il-Qorti taqbel ma dak li qalet din il-qorti (Imhallef Joseph R. Micallef) fil-kawza **is-socjeta Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited et** deciza fid-29 ta' Settembru 2009 li din tikkwalifika bhala awtorita pubblika. L-ordni ta' evizjoni hu att amministrattiv u bhala tali r-rimedju hu dak ghal stharrig tal-ghemil skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.*

*Fil-fehma tal-qorti l-hrug tal-ordni ta' zgumbrament jikkwalifika bhala att amministrattiv u jista jigi mpunjat f'kaz li jkun hareg kontra l-ligi bl-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Ghalkemm fir-rikors guramentat l-attrici ma ghamlitx riferenza ghall-imsemmi provvediment, ir-realta hi li permezz ta' din l-azzjoni qeghda titlob l-istharrig tal-att amministrattiv cjoe' l-hrug ta' avviz ta' zgumbrament mahrug bis-sahha tal-Kap. 169 u l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta. Hu taht dan il-provvediment li din il-qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tissindika l-ordni ta' zgumbrament li harget il-konvenuta. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat l-attrici fil-15 ta' Marzu 2012, ma kkontestatx li f'dan il-kaz japplika l-imsemmi provvediment.*

*Azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ghandha ssir fi zmien sitt (6) mill-ordni jew minn meta l-persuna ssir taf bl-ordni. Dan hu terminu perentorju (dekadenza) u m'ghandu x'jaqsam xejn mal-preskrizzjoni (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Roberto Zamboni nomine vs Direttur tal-Kuntratti** tal-31 ta' Mejju 2002). Il-fatt li l-konvenuta pprezentat rikonvenzjoni, fejn fost'affarijiet ohra qeghda titlob dikjarazzjoni li l-ordni ta' evizjoni hi valida, ma jfissirx li rrinunzjat ghat-tielet eccezzjoni. Rinunzja tapplika fil-kaz ta' preskrizzjoni fejn konvenut ikun irrikonoxxa li hu debitur tal-kreditur, u li jwassal biex it-terminu preskrittiv li jkun iddekorra jerga' tibda jghaddi. Il-qorti ma tarax x'kienet l-utilita ghall-konvenuta li taghmel l-ewwel zewg talbiet fir-rikonvenzjoni, meta fl-eccezzjonijiet irribbattiet t-tezi tal-attrici li hemm*

[48] Fol 130.

[49] Citazzjoni Nru.547/2008 deciza fit-28 ta'Marzu, 2012, li ghalkemm giet appellata, l-appell gie dikjarat irritu u null; Appell Civili 547/2008/1- 31/01/2014

*kirja u li l-ordni mhux validu. Madankollu fil-fehma tal-qorti dan il-fatt ma jistax ighinu biex jigu salvati t-talbiet attrici*.

*F'dan il-kaz m'hemmx dubju li s-sitt xhur ghaddew, kemm mid-data tal-ordni (20 ta' Lulju 2006) kif ukoll minn meta l-attrici saret taf bl-ordni.* ***Ghallinqas*** *fis-16 ta' Marzu 2007 l-attrici kienet taf bl-imsemmi ordni ta' evizjoni, tant li dakinhar ipprezentat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-ordni ma titwettaqx. Gialadarba ghadda dan iz-zmien, l-attrici tilfet il-jedd li tikkontesta l-validita ta' l-ordni ta' evizjoni. Ghalhekk l-ordni ta' zgumbrament hemm ser tibqa' bil-konsegwenzi kollha li ggib maghha b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi, fosthom l-izgumbrament."*

Kif inghad fl-Appell Civili fl-ismijiet **Michael Mizzi vs L-Awotorita' tat-Turizmu et**. deciza fl-10 ta' Novembru, 2008[50]:

*"Illi m'hemmx dubbju illi l-kawża odjerna hija waħda li tattakka għemil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-kap.12, u dan jammettieh l-istess attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu. Huwa jissottometti fl-istess nota illi fil-każ tiegħu dan il-perijodu li fih kellu jintavola l-kawża tiegħu, kellu jibqa' sospiż pendenti l-eżitu tal-proċeduri kriminali li ġew istitwiti fil-konfront tiegħu, in segwitu għall-Avviż ta' Infurzar, mertu tal-kawża preżenti, illi l-Awtorita` konvenuta kienet ħarġet kontra tiegħu.*

*"Il-Qrati tagħna ġia` kellhom diversi okkażżjonijiet jiddikjaraw ruħhom dwar meta kellu jibda jgħodd it-terminu għall-preżentata ta' kawża simili. Hekk insibu jingħad b'mod mill-aktar inekwivoku illi :*

""*Skond l-Artikolu 469A tal-Kap.12, kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu, ċioe` meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni msemmija fis-subartikolu (i sa iv) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil …*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jikkontendi li l-perijodu ta' Dekadenza għandu jibda jiddekorri mis-16 ta' April 1998 u ċioe` mid-data tal-ittra mibgħuta lill-konsulent legali tiegħu mill-konvenut fejn huwa ġie għall-ewwel darba nfurmat uffiċjalment u bil-miktub dwar l-ordni jew direttiva li qed jilmenta minnha … Fi kwalunkwe każ, il-Qorti jidhrilha li l-Artikolu 469A (3) huwa ċar meta jgħid li l-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha. Dan l-artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf . Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'ordni amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament li dan kien jiġi indikat fl-artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perijodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar."*[51]

"Hekk ukoll ingħad illi:

---

[50] Appell Civili nru. 52/2004/1

[51] Prim'Awla: Dennis Tanti vs Ministru ghall-iIzvillup Socjali et: 27.6.2003 ara ukoll "Dentist Gerard Zammit vs Awtorita' tal-Ipjannar (P.A. 2.2.2000); Appell; Roberto Zamboni noe. vs Direttur tal-Kuntratti et; 31.5.2002

> “”*Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni*."[52]

Illi jirrizulta car u inkontestat li hemm differenza cara u netta bejn il-kuncett ta’ dekadenza u dak ta’ preskrizzjoni. Dan zgur mhux in kontestazzjoni tant li anke l-istess socjeta’ konvenuta ippuntwalizzat dan fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha. Daqstant huwa saput li l-eccezzjonijiet ma jitressqux fin-nota ta’ sottomissjonijiet. Bla dubju ta’ xejn minn dak espost fil-gurisprudenza appena citata l-azzjoni attrici hija pererenta skont l-artikolu 496A(3) tal-Kap 12 kemm mid-data minn meta inharget l-ordni u wkoll mid-data li giet esegwita u l-attur sar jaf b’dan, stante li l-attur jghid li sar jaf bl-ezekuzzjoni waqt it-tahdidiet li kellu mas-socjeta’ konvenuta wara l-hrug ta’ l-*eviction order*. L-evizzjoni saret fis-sena 1998 mentri l-kawza giet intavolata fis-sena 2017. L-artikolu invokat carament jitkellem fuq perjodu ta’ dekadenza a differenza minn wiehed preskrittiv. **Pero nonostante l-lapsus fl-iskritt ta’ l-eccezzjoni in ezami, tqies l-azzjoni hekk perenta taht dan l-artikolu u tilqa din r-raba’ l-eccezzjoni gialadarba l-artikolu tal-ligi imsemmi huwa wiehed korrett.**

**Il-hames u s-sitt eccezzjoni**.

**Il-Qorti se tghaddi biex tezamina dawn iz-zewg eccezzjonijiet biss u unikament ghal kompletezza ghax fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija perenta.**

L-attur sostna li l-azzjoni minnu proposta hija r-ritorn ta’ l-oggetti tieghu mnehhija mill-fond zgumbrat jew fin-nuqqas il-hlas tal-valur taghhom. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet jipproponi illi s-socjeta’ konvenuta assumiet il-funzjoni jew ahjar ghandha tigi meqjusa bhala depositarja ta’ l-oggetti tieghu u konsegwentement fin-nuqqas tar-ritorn taghhom tigi kkundannata thallas id-danni ghalihom.

Gie dikjarat mis-socjeta’ konvenuta[53] illi l-attur precedentement gie mharrek ghal kanonizazzjoni ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond li minnu gie zgumbrat. Gie dikjarat ukoll illi ghalkemm l-MDC kienet ottjeniet mandat ta’ qbid kontra l-istess attur[54] qatt ma gie elevat xejn mill-poter ta’ l-istess attur.

Darba li s-socjeta’ attrici ghazlet li tqies lis-socjeta’ konvenuta bhala depositarja ta’ hwejjigha l-Qorti se tghaddi biex tezamina l-azzjoni ta’ danni ukoll minn dan l-aspett. Il-Qrati taghna taw stampa cara tal-kuntratt ta’ deposit u dik li hija meqjusa bhala responsabilta’ ta’ depositarju.

---

[52] Prim’Awla: Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministratativ-Ufficcju tal-Prim Ministru: 27.9.2002.
[53] Dikjarazzjoni man-nota ta’ eccezzjonijiet fol 7
[54] Dok A fol 11

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Vincenzo Borg v. Giuseppe Caruana et.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1950, fejn il-Qorti kienet qed taghmel distinzjoni bejn il-kuntratt ta' depositu u dak ta' mandat intqal b'referenza ghall-awturi **Baudry-Lacantinerie u Pothier** u senjatament ghal kuncett ta' depositu gie citat s-segwenti:

> "***il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono affidati****, mentre il mandatario li usa nell'interesse del mandante e in conformità alle istruzioni dal medesimo ricevute –* ***Baudry-Lacantinerie, Del Mandato, para. 404****."*
> Kompliet ukoll telabora li sabiex jezisti depozitu:- "*fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la tradizione*
> *s'incarichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti* **– Pothier, Del Deposito Cap. 1, para 9".**

Dwar l-obbligi tad-depositarju fil-kawza fl-ismijiet **Bryan Ellul Sullivan vs Direttur Generali Qrati ta' Malta**[55] intqal;

> *L-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-*
> *"Id-depositarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depositu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu"..*
> *Illi ta' rilevanza huma wkoll id-dispozizzjonijiet tas-subincizi (a) u (c) tal-artikolu 1900 li jipprovdu s-segwenti:*
> *"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever:*
> *(a) meta d-depositarju jkun offra ruhu huwa nniffsu sabiex jiehu lura d-depositu;*
> *(c) meta d-depositu jkun sar biss fl-interess tad-depositarju.*
> *(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jghoddu ddispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1132;*
> *…...".*
> *Illi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:*
>
> *"(1) Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depositi, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032".*
>
> *Illi l-Artikolu 1904 jipprovdi s-sewgenti:-*
>
> *"(1) Id-depositarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd.*
>
> *(2) It-tgharriq li jsir fil-haga minghajr htija tad-depositarju jbaghtih id-depositant".*
>
> *[……………………..]*

[55] Appell Civili 25/2010/2GC 10 TA' Jannar, 2014.

*Illi m'hemmx dubju li galadarba l-oggetti gew depositati ghand il-konvenut, huwa kellu l-obbligu li jiehu hsiebhom b'dan li jroddhom lura meta hekk mitlub, u jekk dawn ma jkunux aktar disponibbli ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas taghhom. Ovvjament dan ma sarx f'din il - kawza.*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet "***Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija***", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996, intqal illi "Ir-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni"*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***"Mary Hall vs Emmanuel Xuereb****", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depositarju, anki b'titolu gratuwit, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta' dak stabbilit mill-Kodici Civili, hija qalet ukoll li d-depositarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depositarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depositant.*

*Illi r-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, w fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni.*

*Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet "***Maria Camilleri vs Duminku Attard***" (P.A. (JSP) 2 ta' April 1992) inghad illi:-*

*"Huwa provvdut fil-ligi li min jircievi d-depositu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depositata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg tieghu… Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depositarju kellu juza d-diligenza ta' 'buon padre di famiglia' (Pietro Contini vs Giorgio Zammit (Vol. XXIX. P I. 1422)".*

*"Id-depositarju huwa obbligat juza, fil-kustodja ta' l-oggetti depositati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepositahom ghandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depositu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom. Id-depositarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depositata jew lil min ikun iddepositaha" (Vol. XXIX. P I. 1244). (ara wkoll "***Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine***" – A.K. 16 ta' Marzu 1992)."*

Inghad illi *" Fil-kaz in ezami pero ma jikkonkorux l-elementi essenzjali biex jiffigura l-kuntratt ta' depositu ut sic. Biex ikun hemm din il-figura guridika 'irid ikun hemm il-konsenja ta' l-oggett mid-depositarju u jinhtieg li dan jircievi dan l-oggett u jobbliga ruhu li jikkustodih gratuwitament u jikkonsenjah in natura fuq semplici rikjesta lil min huwa intitolat jirtirah minn ghandu ghaliex id-depositu huwa kuntratt reali li jigi perfezzjonat bi tradizzjoni tal-haga l-oggett tad-depositu. Meta ma jokkorrux dawn l-elementi ma hemmx depozitu u l-persuna li ghandha jigi pretiz li gie depositat l-oggett ma hiex responsabbli ghad-danni jekk dan l-oggett jigi nieqes mill-post fejn hallih sidu."* **(Vol.XXXVII.ii.718).**

> Ukoll li "*id-depositu volontarju jsir bil-kunsens ta' minn jaghmel id-depositu u ta' minn jircevih. Fil-gurisprudenza u d-duttrina huwa ritenut li l-kunsens huwa mehtieg anke ghad-depositu necessarju ghaliex anke dan huwa propjament kuntratt ghalkemm il-kagun tieghu tkun necessita' fatali…."* (**Vol. XXXII, P.I, p 188)**

Fid-dawl tal-gurisprudenza u d-duttrina suesposta din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista jigi meqjus illi l-oggetti misjuba fil-fond zgumbrat kellhom u ghandhom jitqiesu li ghaddew ghand is-socjeta' konvenuta taht titolu ta' depositu u kif assumiet l-obbligi spjegati ghalihom. Taht il-ligi nostrali depositu huwa volontarju jew necessarju[56]. Hawn ma jiffigurawx l-elementi stipulati fil-ligi fejn jirrigwarda depositu volontarju mahsuba taht l-artikolu 1896 u dak necessarju mahsub fl-artikolu 1920 ilkoll tal-Kap 16.

Jibda biex jinghad illi fuq bazi ta' probabbilta' l-oggeti elenkati mill-attur bhala fornitura tal-fabbrika huma accettati mill-Qorti bhala ezistenti, li kienu fil-pussess tieghu u li kien propjetarju taghhom. Ingabu xhieda li jsahhu dan. Jirrizulta ukoll illi l-attur waqaf jipproduci xoghol ta' tape u kolla wara li gie zgumbrat u zvestit mill-forniment tal-fabbrika u makkinarju relattiv. Anke l-listi presentati minn Herbert Caruana xhud tas-socjeta' konvenuta jghinu it-tezi ta' l-attur. **Ghalhekk tqies li anke il-hames eccezzjoni ma treggix.**

Pero kull ma tnehha mill-fond zgumbrat ma tnehha qatt taht ebda obbligu tad-depositarju inkombenti fuq is-socjeta' konvenuta. Din ma assumiet ebda responsabbilta' tali ta' dak hemm misjub. L-unika interess li hi kellha kien ir-ripresa libera ta' sit kummercjali li kien ghand l-attur b'mera okkupazzjoni. Xejn aktar.

Kif lilha permess mill-ligi harget il-**Compulsory Eviction Order[57]** u tat zmien ta' erba' t'ijiem lill-attur biex jizgombra l-fond. Id-dicitura ta' l-istess ordni ma thalli ebda dubbju dwar dan *" ..four days notice from service to evict….and remove all movable effects belonging to you"* Il-kliem *evict* u *remove* ma jirrispekkjaw ebda obbligu ta' depositarju!

**Kif xehed l-attur din l-ordni giet infurzata fid-9 ta' Lulju, 1998, ghalhekk ftit xhur wara l-hrug taghha <u>pero oltre l-erba' t'ijiem fiha stipulati biex l-attur jaderixxi ma l-istess[58].</u>**

Anke jekk il-Qorti temmen illi bejn l-attur u socjeta' konvenuta kienu ghaddejjin laqghat biex fi kliem l-attur huwa jinghata post alternattiv, dan ma seta qatt iffisser li s-socjeta' konvenuta kienet irrinunzjat, jekk qatt setghet, ghal ripresa tal-fond kummercjali. Fi kliem iehor l-attur qatt ma ressaq xi prova lis-socjeta' konvenuta kienet b'xi mod intrabtet mieghu li ma tesegwix l-ordni. Anzi jghid li kellu impressjoni li kien se

[56] Art. 1895 kap 16
[57] Dok PL1 fol 19.
[58] Enfasi ta' din il-Qorti.

jintlahaq rompromess: impressjoni tieghu biss din. Kien jispetta lilu u lilu biss li entro t-terminu lilu koncess bil-ligi, u li tant iggebbed b'dawn it-trattattivi, li jassigura li hwejjgu jkunu ben kustoditi tenut kont tal-fatt li hu kellu mdendel fuq rasu l-ordni ta' zgumbrament. Dan kollu jinghad bla pregudizzju ghal mod kif l-ordni giet fil-fatt ezegwita.

Anzi is-socjeta' konvenuta darba li marret biex tesegwixxxi l-*eviction order* hadet certu prekawzzjonijiet billi telenka dak li pretendiet bhala taghha is-socjeta' Harrison **presenti ghal dan** il-fatt u li telenka dawk l-oggetti u makkinarju rimanenti li ttiehdu for suppost *safe keeping* mid-dipartiment tal-Public Works. Ghalhekk almenu hadet l-isbriga li tara li l-oggetti mahruga mis-sit ghaddew ghand responsabbilta' ta' haddiehor taht xhieda ta' inventarju. **Tenut dan il-Qorti ghalhekk tqies illi fid-dawl ta' dak deciz fil-konfront ta' l-eccezzjonijiet l-ohra illi anke s-sitt eccezzjoni ghandha tigi milqugha.**"

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Licari, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u dan billi tilqa' t-talba attriċi. Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` konvenuta appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjeta` Malta Industrial Parks Limited, li permezz tagħha tissottometti li s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Lulju, 2017, għandha tiġi kkonfermata u l-appell interpost għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami li baqa' differit għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi l-attur kien jokkupa l-fond 192A, Żona Industrijali, Luqa, li kien mikri lilu mill-predeċessur tas-soċjeta` konvenuta, il-Malta Development Corporation, sakemm saru proċeduri sabiex is-soċjeta` konvenuta titħallas l-arretrati ta' kera (Ċitazzjoni Numru 489/1998RCP) u nħarġet ukoll *eviction order* fil-konfront tal-attur. L-azzjoni odjerna mressqa mill-attur hija waħda sabiex is-soċjeta` konvenuta tagħti lura l-oġġetti maqbuda minnha wara mandat ta' qbid (recte: ordni ta' żgumbrament), peress li minkejja li ġiet interpellata, hija naqset milli tagħmel dan. Kwindi l-attur jitlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex jew tirritorna lura l-affarijiet indikati minnu fil-prospett esebit mar-rikors promotur, jew fin-nuqqas, li tiġi kkundannata tħallas il-valur ekwivalenti tal-istess oġġetti.

10. Is-soċjeta` konvenuta twieġeb permezz tal-eċċezzjonijiet: (i) in-nullita` tar-rikors ġuramentat peress li ma ġiex preċedut minn att ġudizzjarju kif jitlob l-Artikolu 460 tal-Kap. 12; (ii) in-nullità tar-rikors promotur stante li mhuwiex ċar x'azzjoni qiegħed jipproponi l-attur fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta; (iii) it-talbiet attriċi huma nfondati peress

li ma ġew elevati l-ebda oġġetti bis-saħħa ta' mandat ta' qbid; (iv) kemm-il darba t-talbiet attriċi jirreferu għat-twettiq ta' għemil amministrattiv, l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12; (v) l-attur għandu jipprova li huwa proprjetarju tal-oġġetti in kwistjoni; (vi) t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta ġiet determinata finalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2016, fejn ġiet miċħuda l-istess eċċezzjoni. Filwaqt li permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Lulju, 2017, il-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-ewwel it-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet, laqgħet it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi. B'dan illi kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

12. L-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha limitatament sa fejn l-ewwel Qorti għoġobha tilqa' t-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, b'dan illi ċaħdet it-talbiet attrici. L-attur appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jirribadixxi l-fehma tiegħu, ċioe` r-raġuni l-għala kellhom jiġu miċħuda t-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet, mingħajr ma jattakka s-sentenza nnifisha tal-ewwel Qorti. Fiċ-ċirkostanzi tal-metodu xejn feliċi ta' kif ġie redatt ir-rikors tal-appell, din il-Qorti qegħda tifhem li l-attur appellant ma

jaqbilx mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Kunsidrat li kif ingħad drabi oħra, fis-sistema tagħna jeżisti grad wieħed biss ta' appell, din il-Qorti tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilita` tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Għalhekk, din il-Qorti ser tqis mill-ġdid dawn l-eċċezzjonijiet fid-dawl tal-provi in atti, sabiex taċċerta ruħha li meta l-ewwel Qorti laqgħet l-imsemmija eċċezzjonijiet, ma hemm l-ebda żball gravi li jista' jwassal għal xi nġustizzja.

13. Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, fejn is-soċjeta` appellata tirriġetta t-talbiet attriċi peress li ma ġew elevati l-ebda oġġetti mill-poter tal-attur permezz ta' mandat ta' qbid, l-attur appellant jilmenta li meta ġie eżegwit l-*eviction order,* fuq il-proprjeta` mikrija lilu, kien hemm diversi oġġetti, kif jirriżultaw mid-Dokument A anness mar-rikors promotur, li kienu jappartjenu lilu u li ġew żgumbrati mill-fond *ad insaputa* tiegħu. Dan il-fatt ġie kkonfermat minn diversi xhieda prodotti minnu. Kwindi filwaqt li l-attur jagħmel referenza għall-prinċipji *onus probandi incumbit ei qui dicit* u *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur,* jislet siltiet mill-ġurisprudenza lokali fir-rigward. L-attur appellant jisħaq li huwa ppreżenta lista fejn indika l-oġġetti li nżammu mis-soċjeta` konvenuta wara li saret l-*eviction order* u dan minkejja li talab li jingħata lura dawn l-oġġetti. Mentri x-xhieda li ressqet is-soċjeta` appellata jgħidu li ma jiftakru xejn, ħlief li kkonfermaw dokument esebit minnhom bħala Dok. HC1 u

qalu li meta twettaq l-*eviction order* l-attur ma kienx hemm, iżda kien hemm terzi preżenti, senjatament persuni mis-soċjeta` Harrison u mill-Public Works li ġarrew l-affarijiet. Isostni li x'kienu dawn l-affarijiet pero`, ma rriżultax lill-Qorti, peress li dawn in-nies ma tressqux jixhdu. Filwaqt li jagħmel referenza għall-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 228 tal-Liġijiet ta' Malta (Land (Compulsory Eviction) Act li kien viġenti fiż-żmien relevanti), l-appellant jisħaq li għalkemm il-Kummissarju tal-Artijiet huwa mil-liġi eżentat mir-responsabbilta`, xorta huwa obbligat li jsegwi proċedura, fosthom li jinforma lill-persuna bl-ispejjeż in konnessjoni mal-iżgumbrament sabiex tħallas dawn l-ispejjeż u tiġbor l-oġġetti tagħha, kif ukoll li jagħmel inventarju.

14. Fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta appellata li kemm-il darba l-azzjoni attriċi tirreferi għat-twettiq ta' għemil amministrattiv, hija preskritta ai termini tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, l-attur appellant jsostni li huwa mhux qiegħed jikkontesta l-ordni amministrattiva li saret, ċioe` li huwa ġie żgumbrat, iżda dak li qiegħed jitlob huwa li jingħata lura l-oġġetti proprjeta` tiegħu, kif elenkati fid-dokument anness mar-rikors promotur. Dan peress li ma ġietx segwita l-proċedura stabbilita kif riżultanti mill-imsemmija provvedimenti tal-Kap. 228 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi jtenni li mhuwiex qiegħed jikkontesta l-att amministrattiv *per se,* iżda qed jitlob li s-soċjeta` konvenuta tinżamm responsabbli għan-nuqqas tagħha li approprjat ruħha minn proprjeta`

mobbli ta' terzi, mingħajr m'offriet li tirritorna lura l-istess oġġetti u mingħajr ma ħallset kumpens għalihom, bil-konsegwenza li ser ikun hemm arrikkiment indebitu favur is-soċjeta` konvenuta. L-attur appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li l-attur messu aġixxa skont l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, peress li huwa aġixxa skont il-Kodiċi Ċivili, in kwantu s-soċjeta` konvenuta m'għandhiex xi immunita` mir-responsabbilta` ċivili għad-danni meta aġixxiet oltre d-drittijiet tagħha. F'dan il-każ l-appellant jikkontendi li d-danni għandhom ikunu ekwivalenti għall-valur tal-"utilitajiet mitlufa".

15. Filwaqt li fir-rigward tas-sitt eċċezzjoni fejn is-soċjeta` konvenuta tirriġetta t-talbiet tiegħu bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, l-attur appellant jisħaq li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu milqugħa, stante li l-argumenti tiegħu huma msejsa fuq punti ta' liġi.

16. Għandu jingħad mal-ewwel li, fil-fehma ta' din il-Qorti t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta ġiet sorvolata, hekk kif permezz ta' digriet tal-ewwel Qorti tad-19 ta' Ottubru, 2010 (ara fol. 66), intlaqgħet it-talba tal-attur għall-korrezzjoni fis-sens li l-oġġetti li kien hemm fl-imsemmija fabbrika tneħħew permezz ta' ordni ta' żgumbrament (u mhux permezz ta' mandat ta' qbid). Kwindi jsegwi li għalkemm l-oġġetti maqbuda ma kinux milquta bis-saħħa ta' mandat ta' qbid (peress li ma nqabad xejn bil-mandat ta' qbid – ara fol. 13 - 16 tal-proċess),

effettivament l-attur ġie rinfaċċat b'ordni ta' żgumbrament (ara Dok. PL1 a fol. 22) li wassal sabiex jiġu elevati numru ta' affarijiet mill-fond li kien okkupat mill-attur appellant. Dan il-fatt fih innifsu mhuwiex ikkontestat. Il-kontestazzjoni ewlenija bejn il-kontendenti fil-kawża hija jekk ġewx elevati l-oġġetti elenkati mill-attur (ara Dok. A anness mar-rikors promotur) jew l-oġġetti riżultanti mill-inventarju esebit mir-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta (ara Dok. HC1 a fol. 89 – 90 tal-proċess).

17. Iżda qabel tidħol fil-mertu tal-oġġetti elevati bis-saħħa tal-ordni ta' żgumbrament, huwa meħtieġ li jiġi determinat jekk l-azzjoni attriċi hijiex waħda ta' danni msejsa fuq stħarriġ ta' egħmil amminstrattiv, jew danni oħra kif jikkontendi l-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, fid-dawl tar-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta appellata li l-azzjoni attriċi hija perenta skont l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12. Minkejja l-fatt li l-attur jisħaq li huwa mhuwiex jikkontesta l-ħruġ tal-ordni amminstrattiva ta' żgumbrament fiha nnifisha, fl-istess nifs fir-rikors tal-appell huwa qiegħed jikkontesta l-metodu ta' kif twettqet l-imsemmija ordni ta' żgumbrament, fejn jilmenta li ma ġietx segwita l-proċedura maħsuba fil-Kap. 228 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li s-soċjeta` appellata aġixxiet oltre` d-drittijiet tagħha. Dan altru li jaqa' sewwa sew fil-parametri tal-Artikolu 469A, mhux biss peress li fil-fehma ta' din il-Qorti s-soċjeta` konvenuta hija awtorità pubblika li għandha s-setgħa li toħroġ "ordni ta' żgumbrament", iżda wkoll peress li l-Ministeru tal-Finanzi huwa l-azzjonist ewlieni f'din is-soċjeta` (ara fol. 56

tal-proċess), kif ukoll l-ordni ta' żgumbrament ċertament taqa' fit-tifsira ta' egħmil amministrattiv skont l-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12. Inoltre, bl-aggravju tiegħu, l-attur qiegħed jixli lis-soċjeta` konvenuta li fit-twettiq tal-ordni ta' żgumbrament, ma segwietx il-proċeduri maħsuba fil-Kap.228 tal-Liġijiet ta' Malta u aġixxiet lil hinn mis-setghat tagħha. Issa apparti l-fatt li dan l-argument huwa wieħed ġdid li ma tressaqx quddiem l-ewwel Qorti, nuqqas da parti tal-attur appellant, l-istess argument jaqa' sewwa sew fil-parametri tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12, jiġifieri li l-għemil amministrattiv huwa *ultra vires* għaliex l-awtorita` pubblika naqset milli tosserva ħtiġijiet proċedurali mandatarji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv.

18. Għalhekk minkejja li fir-rikors promotur l-attur ma jagħmel l-ebda referenza għall-Artikolu 469A u għalkemm ma jattakkax l-ordni ta' żgumbrament fiha nnifisha, ġaladarba mhuwiex ikkontestat li l-ordni ta' żgumbrament inħarġet validament, u l-attur qiegħed jippretendi li jiġu rilaxxati l-affarijiet elevati mill-fond in kwistjoni bis-saħħa tal-istess ordni ta' żgumbrament, peress li jikkontendi li s-soċjeta` appellata qegħda żżomm l-istess oġġetti maqbuda ndebitament bla jedd, bilfors li huwa jrid juri li din l-ordni hija nulla, invalida jew bla effett, sabiex jirnexxi fl-azzjoni tiegħu. Tabilħaqq ir-rikors promotur ġie redatt b'mod vag għall-aħħar, iżda l-għan aħħari huwa dak li jingħataw lura oġġetti elevati bis-saħħa ta' ordni ta' żgumbrament jew il-valur ekwivalenti tagħhom. Kwindi minkejja

n-nuqqas ta' referenza fir-rikors promotur għall-Artikolu 469A, din il-Qorti ma tarax kif jista' jingħad li l-azzjoni attriċi mhix waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. F'dan is-sens huma relevanti ferm is-sentenzi ċitati mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **H.P. Cole Limited v. Malta Industrial Parks Limited** u **Euro Chemie Products Limited v. Malta Industrial Parks Limited** u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-ewwel Qorti li t-twettiq ta' ordni ta' żgumbrament jaqa' fil-parametri ta' stħarriġ ġudizzjarju. Fi kwalunkwe każ, l-istess argumenti fl-aggravju fir-rikors tal-appell, li jattakka n-nuqqasijiet proċedurali fit-twettiq tal-istess ordni ta' żgumbrament u li s-soċjeta` appellata aġixxiet lil hinn mid-drittijiet tagħha, ma jgħinux lill-appellant fl-argument tiegħu, anzi jkompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-azzjoni attriċi hija proprju dik ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva.

19. Trattata l-kwistjoni tan-natura tal-azzjoni, mhuwiex kkontestat li l-ordni ta' żgumbrament ingħatat effett fid-9 ta' Lulju 1998, (ara xhieda tal-istess attur a fol. 73 u Dok. HC1) meta ġew elevati l-affarijiet mertu tal-kawża in eżami, u skont l-istess attur sar jaf waqt laqgħa mar-rappreżentanti tas-soċjeta` konvenuta. Il-kawża odjerna ġiet ippreżentata fit-12 ta' Jannar, 2010. Kunsidrat li skont l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, kawża sabiex twaqqa' għemil amministrattiv għandha ssir fi żmien sitt xhur meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-għemil amministrattiv, m'hemmx dubju li altru li jirriżulta t-trapass tat-

terminu maħsub fl-imsemmi provvediment tal-liġi, li kif osservat mill-ewwel Qorti huwa wieħed ta' dekadenza. Isegwi li għamlet sew l-ewwel Qorti li filwaqt li ppreċiżat li dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell tal-attur ma jistax jirnexxi u għalhekk din il-Qorti ma tqisx meħtieġ li tinoltra ruħha fil-mertu tal-bqija tal-aggravju tal-attur appellant.

20. Fl-aħħar, jiġi osservat li fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjeta` konvenuta appellata tqanqal ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Għalkemm kien ikun aktar xieraq li tali eċċezzjoni titressaq permezz ta' rikors separat, peress li tali eċċezzjoni hija ta' natura perentorja li tista' titressaq ukoll fi stadju tal-appell (Artikolu 732(1) tal-Kap. 12) din il-Qorti jkollha tammetti tali eċċezzjoni. Madankollu, kunsidrat li din il-Qorti qegħda tikkonferma li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, liema azzjoni hija perenta, lanqas ma hemm il-ħtieġa li din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li tqis li tali eċċezzjoni mhix applikabbli għall-każ in eżami.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddisponi mill-appell tal-attur appellant, billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-

10 ta' Lulju, 2017, fl-ismijiet premessi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni mressqa mis-soċjeta` konvenuta appellata. Bl-ispejjeż tal-prim' istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-istess attur appellant, salv dawk marbuta mal-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni li jibqgħu a karigu tas-soċjeta` konvenuta appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr